



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Marzu 2023
(OR. en)

6693/23
PV CONS 7

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali)
21 ta' Frar 2023

WERREJ

Paġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	
a)	Lista mhux leġislattiva	3
b)	Lista leġislattiva	3

Attivitajiet mhux leġislattivi

3.	Tħejjija tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Marzu 2023: Abbozz ta' Aġenda Annotata	4
4.	Affarijiet oħra	4
	Ir-rispons tal-UE għat-terremot fit-Turkija u s-Sirja, u l-għanijiet tal-UE marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri	
	ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	5

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 6449/23.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

6450/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 6451/23 inkluż id-dokumenti COR u REV li ġew ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Ġustizzja u Affarijiet Interni

2. Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-UE, tal-Konvenzjoni ta' Istanbul
Qbil fil-prinċipju
Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-15.2.2023

 6315/2/23 REV 2
6315/23 ADD 1
REV 2
5514/23 + COR 1
5523/1/23 REV 1
+ **REV 1 COR 1 (nl)**
FREMP

Kultura/Materji Awdjoviżivi

15. Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-perjodu tad-dritt għall-koproduzzjonijiet awdjoviżivi bejn l-UE u l-Korea
(Perjodu 2020-2023)
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.2.2023

 5756/23
5689/23
+ **COR 1 (hu)**
CULT
AUDIO

- b) **Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6451/23

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. **Regolament dwar ir-rieżami tal-ESA 2010**

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-15.2.2023

  6039/23
PE-CONS 64/22
ECOFIN
STATIS

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Bażi legali: l-Artikolu 338(1) TFUE).

2. **Regolament REPowerEU**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-17.2.2023

IC 6426/1/23 REV 1
6426/23 ADD 1-2
PE-CONS 80/22
ECOFIN

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, fejn il-Belġju, il-Finlandja u l-Polonja astjenew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, l-Artikolu 177, l-ewwel paragrafu, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2) u l-Artikolu 322(1) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Sajd

3. **Regolament li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.2.2023

IC 6041/23 + ADD 1
PE-CONS 60/22
PECHE

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Tħejjija tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Marzu 2023:
Abbozz ta' Aġenda Annotata
Skambju ta' fehmiet
- 6077/23
4. Affarijiet oħra
Ir-rispons tal-UE għat-terremot fit-Turkija u s-Sirja, u l-għanijiet tal-UE marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

-
- I** L-ewwel qari
- C** Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 6451/23

Dwar il-punt "A" **Regolament REPowerEU**
nru 2: *Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL

"Il-Kunsill jixtieq jiġbed l-attenzjoni li l-koeffiċjent tad-distribuzzjoni u s-sorsi tal-finanzjament previsti fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE, ma jikkostitwux preċedent għal diskussjonijiet futuri tal-Kunsill dwar proposti leġiżlattivi oħra f'dawn il-kwistjonijiet."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, ĊIPRU, ID-DANIMARKA, L-IRLANDA, IL-LUSSEMBURGU, IN-NETHERLANDS U S-SLOVAKKJA

"Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) hija strument ewlieni biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tagħna. Il-bejgħ ta' aktar kwoti permezz tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) biex jiġi rikostitwit il-Fond għall-Innovazzjoni huwa miżura straordinarja u ta' darba. Sabiex tiġi żgurata l-integrità tas-suq tal-ETS u ma jkunx hemm ir-riskju li tiddeterjora l-fiduċja fl-ETS, li kienet frott ħafna sforz, jenħtieġ li r-regolament ma jistabbilix preċedent li l-MSR tiffinanzja nfq ġdid tal-UE."

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA, IL-FINLANDJA, FRANZA, IL-KROAZJA, IL-POLONJA, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, IR-RUMANIJA, IS-SLOVAKKJA, IS-SLOVENJA U L-UNGHERIJA

"Jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta tivvaluta l-kapitoli REPowerEU, iżomm ma' approċċ ta' newtralità teknoloġika. B'mod partikolari, b'konsistenza mat-test tar-regolament REPower, jenħtieġ li l-idroġenu mhux fossili ma jiġix diskriminat, billi fir-regolament jinsab fuq bażi ugwali mal-idroġenu rinnovabbli, u billi r-regolament jirrikonoxxi li: **"jenħtieġ li jingħata appoġġ ukoll lir-riformi u l-investimenti li jżidu l-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija – inkluż bl-użu ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, bħall-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u fjuwils rinnovabbli oħra ta' oriġini mhux bijoloġika – u b'żieda fl-iffrankar tal-enerġija tal-ekonomiji tal-Istati Membri f'konformità mal-miri u l-qafas legali tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima."**

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tappoġġa bis-sħiħ l-oġettivi tal-inizjattiva REPowerEU biex titnaqqas malajr id-dipendenza tal-Unjoni Ewropea fuq il-fjuwils fossili, speċjalment l-importazzjonijiet mir-Russja, permezz ta' aktar iffrankar tal-enerġija, diversifikazzjoni fil-provvisti tal-enerġija, u introduzzjoni aċċellerata tal-enerġija rinnovabbli. Dan huwa meħtieġ biex l-ekonomija Ewropea tibqa' valida fil-futur u biex jiġi żgurat il-benesseri tal-poplu tagħha fuq terminu twil.

Madankollu, l-Estonja jiddispjaċiha li l-inizjattiva REPowerEU ser tiġi ffinanzjata parzjalment għad-detriment tal-kwoti tal-Istati Membri skont is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Dan ipoġġi l-ispiża tal-inizjattiva REPowerEU b'mod sproporzjonat fuq Stati Membri inqas għonja li jiddependu mill-fjuwils fossili, li jnaqqas l-impatt ta' REPowerEU. Barra minn hekk, l-Estonja għadha mħassba dwar l-effetti li l-konċentrazzjoni tal-kwoti fil-bidu jista' jkollha fuq is-suq tal-kwoti tal-ETS kif ukoll dwar l-effetti sekondarji possibbli fuq il-kapaċità tal-Istati Membri li jieħdu azzjoni fil-qasam tal-enerġija.

Jenħtieġ li ma jiġux ripetuti arranġamenti ta' finanzjament *ad hoc* bħal dawn għal azzjonijiet konġunti tal-UE li jwasslu, direttament jew indirettament, għal tnaqqis fil-kwoti tal-Istati Membri skont is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet.

Jenħtieġ li jiġi mfakkar li l-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għandu jkun ibbażat fuq id-deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji."

Dwar il-punt "A" **Regolament li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni**
nru 3: **għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar**
 Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill kemm-il darba saħqu fuq il-ħtieġa li jkompli jittejjeb il-proċess ta' implimentazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs), b'mod partikolari li dan isir fil-ħin. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li t-tentattiv tagħha għal simplifikazzjoni tal-proċess ta' implimentazzjoni ma ntlaqax għalkollox min-naħa tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni se tissokta ħidmietha mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex ikompli jittejjeb il-proċess ta' implimentazzjoni."